**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 6 TA' GUNJU, 2002

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 116/02 AE**

**Attrans Limited**

**Vs**

**Soap & Sponge Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mija u sitta u hamsin lira Maltija u tletin centezmu (Lm1156.30), hlas dovut ghas-servizz ta' garr ta' merkanzija moghti fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Ra li mir-riferta li ghamel il-marrixxall Emanuel Stivala (fol. 9 u 12), jirrizulta li John Camilleri rrifjuta n-notifika. Mill-atti

jirrizulta li l-imsemmi John Camilleri huwa wiehed mid-diretturi tal-kumpannija konvenuta.

Semgha lill-marixxall Emanuel Stivala u lir-rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji.

Qies dak li jipprovdi l-Artikolu 187 tal-Kap. 12 u jikkunsidra n-notifika bhala valida ghal finijiet u effetti tal-ligi.

Semgha lill-avukat Dr. Anthony Cutajar jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf mija u sitta u hamsin lira Maltija u tletin centezmu (Lm1156.30), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**